# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar 2018**

**Talba Nru: 342/17 CZ**

**GO p.l.c.**
**C 22334**

**vs.**

**Wendy Jane Rowe (British passport No. 402479435GB)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-8 t'Awwissu 2017 u li permezz taghha talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' elf, erba' mija u disgha w hamsin Euro u erba' centezmi (€1,459.04) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta'

komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC 40296850.

Illi nterpellata sabiex tghaddi ghall-hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-prezenti rikors.

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentax risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal.

Sema' x-xiehda ta' Mary Anne Camilleri li xehdet li l-ammont mitlub fil-kawza odjerna ghadu dovut.

Ra li t-talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta rikorrenti qieghda titlob il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta' elf, erba' mija u disgha w hamsin Euro u erba' centezmi (€1,459.04) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC 40296850.

2. Illi x-xhud Mary Anne Camilleri ghas-socjeta' attrici kkonfermat bil-gurament taghha li tali ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici mill-konvenuta.

**Ikkunsidra ulterjorment**;

3. Illi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:
>
> (b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

4. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma' lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

5. Fil-kaz odjern, il-konvenuta giet debitament notifikata u la ressqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fit-8 ta' Jannar 2018.

6. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta' attrici ma ghandux mis-sewwa.

7. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa dovut mill-konvenuta.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u disgha w hamsin Euro u erba' centezmi (€1,459.04) bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez, kif mitluba, ikunu kollha a kariku tal-konvenuta.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur